Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 213/2018

Il-Pulizija
Spettur Nicholas Vella

Vs

Pierre Darmanin

Illum 22 ta' Novembru, 2018 .

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Pierre Darmanin detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 254077M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe` nhar is-17 ta' Frar, 2017, f'diversi hinijiet:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Rachel Dalli meta kien jaf jew messu kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

2. Fl-istess data u cirkostanzi hedded lil Rachel Dalli bi kliem;

3. Fl-istess data u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;

4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rachel Dalli tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti/ dixxendenti, ahwa, subien jew bniet;

5. Nhar it-22 ta' Frar 2017 kif ukoll fil-jiem ta' wara, naqas milli jhares xi avviz bil-miktub jew naqas, meta kien hekk gie mitlub, ukoll jekk biss bil-fomm, li jmur minn jeddu f'xi ghassa tal-Pulizija jew xi post iehor li gie ndikat lilu mill-ufficjal tal-Pulizija sabiex jaghti t-taghrif u jgib mieghu dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistghu jinhtiegu;

6. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D. datata 25 ta' Frar 2017 li saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli **383, 384, 385, 412C u 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 355AD (3)(5) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni u lliberatu mill-kumplament, ikkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien xahar.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Darmanin, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel erba' imputazzjonijiet u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Pierre Darmanin huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi ma hemm ebda prova b'valur probatorju idonea li tista' twassal ghar-reità fil-kontravvenzjoni kontemplata fl-imsemmi artikolu 355AD(3)(5) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-esponent jistqarr li huwa pjuttost perpless bid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati f'dan ir-rigward. Fis-sentenza appellata jinghad li l-hames imputazzjoni – dik kontenuta fl-imsemmi artikolu 355AD(3)(5) – "giet ampjament ippruvata" mix-xhieda ta' PS 1350 Christian Xuereb li, permezz ta' affidavit, stqarr li Pierre Darmanin kien gie mitlub imur l-ghassa tal-Mosta sabiex jigi mitkellem dwar l-incident irraportat izda dan naqas milli josserva dak l-obbligu.

Illi x-xhieda ta' PS 1350 Christian Xuereb ma tiffurmax parti mill-atti processwali ta' din il-kawza izda tifforma parti mill-atti ta' kawza fl-istess ismijiet li kienet qed tinstema' kontestwalment. Fl-affidavit ta' dan ix-xhud hemm referenza ghall-okkorrenza 9/T/2993/2016, liema okkorrenza tirreferi ghal incident li allegatament sehh fl-4 ta' Dicembru 2016, u cioe` r-rapport mertu tal-kawza l-ohra. Ix-xhieda fl-affidavit ukoll tirreferi ghall-incident tal-4 ta' Dicembru 2016 tant li t-timbru tal-Ispettur Nicholas Vella jgib id-data tas-26 ta' Dicembru 2016. Fi kliem iehor, in kwantu l-imputazzjoni li taghha l-esponent gie misjub hati tirreferi ghat-22 ta' Frar 2017 u l-jiem ta' wara, il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issibu hati a bazi ta' xhieda li kienet tirreferi ghal cirkostanzi kompletament differenti.

Illi, ghal kull buon fini, l-esponent ser jaghmel referenza ghax-xhieda ta' WPS 224 Susanne Mifsud, moghtija wkoll permezz ta' affidavit, li tirreferi ghall-okkorrenza 9/T/456/2017. L-esponent ser jirriproduci, *verbatim*, il-partijiet relevanti ta' dak dikjarat minn din ix-xhud:

> "Nhar 22/02/2017 sar kuntatt ma' Pierre Darmanin ID: 254077M permezz tat-telefon fejn gie mitlub sabiex jattendi gewwa l-ghassa tal-Mosta sabiex jigi mitkellem mill-pulizija rigward rapport fejn dan stqarr li dakinhar 22/02/2017 ma jistax jattendi u b'hekk stqarr mall-pulizija illi hu ser jattendi gewwa l-ghassa tal-Mosta nhar it-23/02/2017 fejn huwa baqa' ma attendiex l-ghassa tal-Mosta."

Illi din ix-xhud qatt ma giet prodotta sabiex tixhed. Naturalment wisq anqas jirrizulta min suppost ghamel kuntatt ma' Pierre Darmanin, fuq liema linja suppost cempel lil Pierre Darmanin u kif jaf li l-persuna li suppost kellem kienet effettivament Pierre Darmanin. Fi kliem iehor, il-persuna li suppost ikkomunikat ma' Pierre Darmanin baqghet, ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, injota. L-okkorrenza tal-kaz lanqas ma titfa' dawl fuq l-allegat akkadut in kwantu fih jinghad li kienu l-pulizija tad-distrett li suppost ghamlu kuntatt ma' Pierre Darmanin. Qatt ma gie identifikat il-pulizija li effettivament ghamel dan il-kuntatt u wisq anqas ingieb jixhed fil-Qorti.

Illi, ghalhekk, fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni, dak mistqarr minn WPS 224 Susanne Mifsud jikkostitwixxi hearsay evidence. Jinghad fl-ahjar ipotesi ghaliex il-persuna li suppost ghamlet dan il-kuntatt dejjem baqghet injota. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Fabio Schembri*** *(01.04.2011)*, din l-Onorabbli Qorti kienet qalet li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, izda hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li ntqal. Fi kliem iehor, il-persuna li ghaliha ghamlet referenza WPS 224 Susanne Mifsud kellha, fl-ewwel lok, tigi identifikata u, fit-tieni lok, tigi prodotta bhala xhud. Dawn il-provi huma mankanti u ghalhekk l-esponent kellu necessarjament jigi lliberat minn din l-imputazzjoni. Ghal kull buon fini l-esponent jaghmel referenza wkoll

ghas-sentenza fl-ismijiet ***The Police v. Andrew Stephen Roberts*** *(04.05.2011)* fejn din l-Onorabbli Qorti kienet rriteniet li l-okkorrenza f'dak il-kaz kienet tikkontjeni *hearsay evidence* li ma setghetx tigi accettata bhala prova fl-assenza tax-xhieda tal-persuni fiha msemmija.

Illi t-tieni u l-ahhar aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena erogata hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi jibda biex jinghad li jidher li l-Qorti tal-Magistrati sabet lill-esponent hati talli huwa recidiv skont l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Dan jirrizulta mill-ahhar paragrafu tas-sentenza fejn giet citata din id-disposizzjoni, flimkien ma' dawk kontenuti fis-subincizi (3) u (5) tal-artikolu 355AD tal-istess Kodici. Dan huwa, bl-aktar rispett, zball. Din l-Onorabbli Qorti rriteniet diversi drabi li min jikkommetti reat waqt perjodu ta' *conditional discharge* ma jitqiesx recidiv (ara, *inter alia*, is-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Stanley Spiteri*** *(16.10.2006)*, ***il-Pulizija v. Peter Borg*** *(25.02.2009) u* ***Il-Pulizija v. Ludvic Bugeja*** *(09.02.2011)*.

Illi jirrizulta li, ghajr ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fejn kien inghata *conditional discharge*, il-kondotta tal-esponent hija wahda nadifa. Terga' l-*conditional discharge* kien inghata ghar-reat ta' serq ta' ilma fl-ammont ta' €1.58. Huwa bl-akbar rispett inawdit li, f'dawn ic-cirkostanzi, persuna tintbaghat ghal xahar detenzjoni ghall-kommissjoni ta' kontravvenzjoni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018.

Ikkunsidrat.

Illi fl-atti hemm esebit l-affiavit ta' **WPS 224 Suzanne Mifsud** ( fol. 7) u din spjegat bil-gurament taghha li nhar id-19 ta' Frar, 2017 Dr. Rachel Dalli marret tirraporta l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta ili dakinhar stress ghall-habta ta 09.15 meta marret sabiex tiftah il-vettura taghha numru ta' registrazzjoni RXI 202 li kient ipparkjata fi Triq il-Pont, il-Mosta ma setghetx tinfetah u sahansitra ppruvat kemm il-darba tiftaha izda kien kollu ghal xejn la b'mod elettroniku u lanqas b'mod manwali.

Il-kwerelanta ziedet tghid illi hija kienet qed tissuspetta li setgha kien hemm xi bomba mall-vettura taghha u riedet tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega. Meta giet mistoqsija mill-pulizija ghalfejn kient qed tissusptta dan qalet li nhar il-Gimgha li ghadda u cioe fis-17 ta' Frar, 2017 kienet irceviet diversi telefonati mmarkati 'No caller ID' fuq ic-cellulari taghha fejn f'telefonata minnhom kien heddidha li kien ser jaghmilha bomba u ghalhekk bdiet tibza' li din setghet kienet xi haga reltata ma hekk. Hija pprezentat lista tal-call logs li kienu saru f'dak il-jum tas-17 ta' Frar, 2017 fuq il-mobile taghha. Mistoqsija jekk gharfitx il-lehen minn fuq it-telefon cellular hija kompliet li hu ta' Pierre Darmanin.

Ghalhekk il-pulizija tad-distrett tal-Mosta ghamlu kuntat mas-sezzjoni tal-klieb mal-GHQ Conrol room u mal-AFM fejn dawn gew infurmati rigward is-sitwazjoni ta' dan ir-rapport fejn il-pulizija tad-distrett flimkien mat-Taqsima tal-klieb PC 50 u PC 1481 u l-AFM 60 Staff Seargent Sammy Mallia u LBDR Brandon Azzopardi (mill-Bomb Disposal Unit) marru fuq il-post flimkien mal-kwerelanti fejn saret tfittxija fuq vettura numru RXI 202 tal-ghamla Kia kif ukoll fuq zewg vetturi ohra numri TUA 001 u TUA002 fejn sakemm tlestiet it-tfittxija giet maghluqa it-triq ghat-traffiku, kif ukoll ghall-pubbliku, liema tfittxija fuq l-imsemmija vettura irrizutaw fin-negattiv.

Nhar it-22 ta Frar, 2017 sar kuntatt ma Pierre Darmanin permezz tat-telefon fejn gie mitlub sabiex jattendi gewwa l-ghassa tal-Mosta sabiex jigi mitkellem mill-pulizija rigward rapport fejn dan stqarr ili dakinhar tat-22 ta Frar 2017 ma jistax jattendi u b'hekk stqarr mall-pulizija illi hu seta' jattendi gewwa l-ghassa tal-Mosta nhar it-23 ta' Frar, 2017 fejn huwa baqa' ma attendiex.

Rat is-sentenza esebita moghtija fl-istess ismijiet premessi nhar il-25 ta' Frar, 2016 (fol 9) markata bhala dok NV fejn instab hati tar reat ta' serq ta' l-ilma aggravat bil-mezz u kien inghata *unconditional discharge* ai termini tal-artikolu 22 tal Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Dr. Rachel Tua Dalli** nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 u kkonfermat li nhar id-19 ta' Frar, 2017 kienet marret l-Ghassa tal- Pulizija tal-Mosta u irraportat li ma setghetx tiftah il-vettura taghha. Qalet li dakinhar tiftakar li kien jum

il-Gimgha. Spjegat ukoll li xi jumejn qabel kienet irceviet telefonata li kienu ser jghamlulha bomba u temmen li minghand Pierre Darmanin ghaliex kien cempel ukoll lil zewgha u qallu li jekk huma ma iwaqqghux l-proceduri kien ser jghamillhom bomba u jghollihom it-tnejn flimkien. Qalet li t-telefonata saret bil-lejl u ghall-ewwel ma tatx kaz ghalix il-hin kollu jheddidha bi qtil izda peress li jumejn wara ma setghetx tiftah il-karozza ippanikjat iktar u iktar minhabba li ghandha tifel u kien ghalhekk li marret tirraporta. Qalet li t-telefonata ma damitx, kwistjoni ta' ftit minuti biss. Wara din it-telefonta kien hemm madwar hmistax ohra pero' kienu 'unknown'. Mistoqsija x'ghamlet meta rceviet it-telefonata bit-theddida qalet li qatghet l-linja. Qalet li t-telefonata li irceviet kien minn numru xi haga hekk 798035.

Illi l-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Dr. Bonnici dwar it-telefonati li saru pero' ai fini tal-kawza odjerna u cioe' ghall-appell li gie ntavolat tali xhieda m'ghandhiex relevanza.

Dawk huma l-unici provi li tressqu mill-partijiet. Minkejja li hemm verbal datat 14 ta' Marzu 2018 fejn hemm indikat li 'l-partijiet jaqblu li l-evidenza mis-service providers kif esebita kif ukoll id-dokumenti li gew esebiti kienu gew pezentati fi stadju meta l-kawzi kienu qed jinstemghu kotnetwalment' ma hemm l-ebda verbal fejn il-Qorti ordnat li x-xhieda ta' kawza ohra li possibilment kienet qed tinstema ma din il-kawza kellha tapplika ukoll ghal din il-kawza u ghalhekk ix-xhieda li instemghu fil-kawza l-ohra ma ghandhom ikollhom l-ebda referenza ghal din il-kawza.

Ikkunsidrat,

Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel

apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1] "; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2] "; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] "; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] " u ohrajn .)

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghax xhieda ta' PC 1350 Christian Xuereb li ma tifformax parti mill-process odjern. U ghalhekk dak kollu li setgha qal dan l-ufficcjal m'ghandux ikollu effett ghal ai fini ta' dawn il-proceduri u ghalhekk l-appellant ghandu ragun jghamel din is-sottomissjoni fir-rikors tal-appell tieghu. Konsegwentment din il-qorti sejra tiskarta dak li qalet l-ewwel Qorti meta ghamlet referenza ghal din ix-xhieda.

Illi pero' din il-Qorti sejra taghmel referenza ghax-xhieda ta' WPS 224 Suzanne Mifsud u dan b'referenza ghall-hames akkuza fejn l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati.

B'relevanza ghal din l-akkuza din ix-xhud stqarret is-segwenti:-

*" Nhar it-22 ta Frar 2017 sar kuntatt ma Perre Darmnin ID 254077(M) permezz tat-telefon fejn gie mitlub sabeix jattendi gewwa l-ghassa tal-Mosta sabiex jigi mitkellem mill-pulizija rigward rapport fejn dan stqar li dakinhar 22 t'a Frar 2017 ma jistax jattendi u b'hekk stqarr*

[1] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar ilt-12 ta Mejju 1994

[2] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989.

[3] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

[4] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

*mall-pulizija illi hu ser jattendi gewwa l-ghassa ta-l Mosta nhar it-23 ta' Frar 2017 fejn huwa baqa' ma attendhiex l-ghassa tal-Mosta."*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk tali xhieda hiex bizzejjed sabiex il-Qorti takkolji htija lill-appellant. Jinghad minnufih li tali xhud ma xehditx viva voce u ghalhekk ix-xhieda taghha hija limitata ghal dak li stqarret fl-affidavit taghha.

Jigi rilevat li din ix-xhud WPS 224 ma hiex l-ufficcjali li rredigiet l-okkorenza esebita a fol 3 ghaliex f'dak il-kaz kien hemm PC 399 Lydon Paul Spiteri li ma xhedx f'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha tipprova fl-ewwel lok min kien l-ufficcjali li ghamel kuntatt ma Pierre Darmanin u naturalment una volta jigi identifikat dan kellu jaghti ix-xhieda tieghu jew permezz tal-affidavit ai termini tal-artikolu 360A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew jitharrek jixhed viva voce il-Qorti.

Ghalhekk dak li qalet WPS 224 Suzanne Mifsud jammonta biss ghal 'reported speech' li intqal minn haddiehor li ma giex identifikat kontestwalment jammonta ghal dak li jinghad bl-ingliz bhal 'Hearsay evidence' par excellence.

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkunsidra bhala prova ammissibli x-xhieda tal-ufficjal WPS 224 Suzanne Mifsud meta din xehdet li gie rapportat li Pierre Darmanin kellu jirraporta l-ghassa u ma marx tenut kont li dan jikkostitwixxi biss hearsay evidence u ghalhekk hu inammissibi ai termini tal-artikolu 598 tal-Kodici t' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif rez applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Professor A.J. Mamo jghallem kif gej[5]:

*"There are many reasons assigned for rejecting hearsay, the two principal being first, that the person originally stating the facts does not state them on oath, and secondly, that the person*

[5] Notes on Criminal Procedure, Vth Year

*against whom the evidence is offered had not the opportunity of cross-examining that other person as to his recollection, veracity or means of knowledge. .....*

*In **Fitzgerald vs Fitzgerald**[6] it was stated that the foundation of the admissibility of any evidence is that it should be on oath, and that the party against whom it is tendered should have had a reasonable opportunity of cross-examination".*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi. Fis-sentenza minn taghha l-Qorti studjat funditus ir-regola dwar il-hearsay evidence[7]:

"**Punt ta' Liġi – il-Hearsay Rule**

"Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall- Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

'598.*(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti…….*

*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'*

[6] 1863.

[7] Numru 33/2010; Deciz 28.06.2012 per S.T.O. Dr Silvio Camilleri, Onor. Imhallef Dr. David Scicluna, Onor. Imahllef Dr. Joseph Zammit Mc Keon

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa **<u>Subramaniam v. Public Prosecutor</u>** ( li fil-fat gie ukll citat mid-difiza) fejn insibu dan il-kliem:

'*Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*'

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi hu ben stabbilit minn din il-Qorti anke diversament preseduta, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence* izda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun hearsay evidence u bhala tali <u>inammissibbli</u> izda jekk dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhal sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anki sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra.

Illi pero' f'dan il-kaz il-prosekuzzjooni qabdet u pprzenta l-affidavit ta' dan ix-xhud u ma indagatx aktar biex tiddentifika min effettivament kien ta l-ordni lill-appellant biex imur l-ghassa biex jigi mitkellem.

Jigi imfakkar li l-akkuzat m'ghandux jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu izda huwa dejjem l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat u dan billi

tipprova sal-livell rikjest mill-ligi '*beyond reasonable doubt*' li kien l-akkuzat u hadd iktar li setgha ghamel ir-reat addebitat lilu.

Ghalhekk dwar din il-hames akkuza din il-Qorti hija tal-fehma li l-hames akkuza ma gietx provata sodisfacentement.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dik il-parti ejn illiberatu mill-ewwel erba' imputazzjonijiet u qieghda tirrevokaha fir-rigward tal-hames akkuza u dan billi qed tiddikjara li mhux hati taghha u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur